MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2015

Rikors Numru. 426/2014

AB

vs

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, Ii permezz tieghu ippremetta :

1. Illi huwa zzewweg lill-intimata C B, detentrici tal-karta tal-identita` numru 445676M, fis-sittax (16) ta’ Gunju tas-sena elfejn (2000) fil-Knisja Parrokjali tas-Siggiewi, liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta’ Malta bin-numru wiehed, zero, wiehed, sebgha zbarra elfejn (1017/2000), u dan kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. ‘A’;
2. Illi l-kontendenti partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta’ kuntratt li kien gie ippubblikat min-Nutar Dottor Elisa Falzon fit-tnejn (2) ta’ Otturbu tas-sena elfejn u tnejn (2002), kopja fotostatika qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. ‘B’;
3. Illi l-kontendenti partijiet minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal, u kienu rrinunzjaw reciprokament ghal kull driitt li jitolbu u jircievu manteninent minghand xulxin;
4. Illi r-rikorrenti ddiskuta mal-konsulenta legali tieghu, hawn sottofirmata, il-possibilita` ta’ rikonciljazzjoni taz-zwieg odjern, u kkonkluda li m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni;
5. Illi skont kif jindika l-kuntratt hawn anness u mmarkat bhala Dok. ‘B’, illum il-gurnata ghaddew aktar minn erbgha (4) snin mid-data tas-separazzjoni legali tal-kontendenti partijiet;
6. Illi in vista ta’ dak premess, jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mil-ligi ghall-halla taz-zwieg odjern u ghad-divorzju tal-partijiet;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

a. Tiddikjara z-zwieg odjern mahlul u sussegwentement tippronunzja li l-partijiet huma divorzjati ghall-effetti kollha tal-ligi; u
b. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex jirregistrah skont il-ligi fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta’ Ottubru, 2014;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-2 ta' Ottubru 2002;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------